VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,350, 2 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 443 tal-2014

ORDINANZA DWAR L-GĦAJNUNA LILL-INDUSTRJI (KAP. 159)

Regoli tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Ordinanza dwar l-Għajnuna lill-Industrji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu permezz tal-artikolu 26 tal-Ordinanza dwar l-Għajnuna lill-Industrji, il-President ta' Malta għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Ordinanza dwar l-Għajnuna lill-Industrji.

Jirrevoka leġislazzjoni sussidjarja.

2. (1) Il-leġislazzjoni sussidjarja msemmija fis-subregola (2) hi b'dan revokata, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtha.

(2) Il-leġislazzjoni sussidjarja revokata huma dawn li ġejjin:

- ir-Regoli dwar Proċedura dwar Applikazzjonijiet għall-Għajnuna lill-Industrji, (L.S. 159.01),

- ir-Regoli dwar il-Proċedura għall-Applikazzjonijiet għall-Għajnuna dwar il-Lukandi (L.S. 159.02).